31980D0763

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISJONI

tat-8 ta' Lulju 1980

li tistabbilixxi disposizzjonijiet addizzjonali dwar stħarriġ statistiku ta' żoni taħt dwieli

(80/763/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 tal-5 ta' Frar 1979 fuq stħarriġ statistiku ta' żoni taħt dwieli [1], u partikolarment l-Artikolu 6 (2) tiegħu,

Billi, minħabba l-eżistenza fi ħdan il-Komunità ta' żoni li jikbru fihom ħafna varjetajiet ta' prodotti, iż-żoni taħt dwieli kultivati b'varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid għandhom, sabiex issegwi l-iżviluppi tal-potenzjali ta' tkabbir ta' l-inbid b'mod effettiv, ikunu subdiviżi fi klassijiet ta' prodotti bbażati fuq il-prodott ewlieni għal kull ettaru;

Billi, konformi ma' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 357/79, tali klassijiet ta' prodotti għandhom jitwaqqfu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-klassijiet ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 6 (2) tar-Regolament (KEE) 357/79 għandhom jkunu indikati fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Lulju 1980.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Viċi-President

[1] ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 124.

ANNESS

IL-KLASSI TA' PRODOTTI

(f'hl/ha ta' għeneb magħsur jew inbid)

Il-klassijiet ta' prodotti	Inbejjed ta' kwalità psr	Inbejjed oħra
I	< 30	< 40
II	30 – 70	40 – 70
II	70 – 110	70 – 100
IV	> 110	100 – 130
V		> 130